REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1322

tat-23 ta' Settembru 2020

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-livelli massimi tat-3-monokloropropandiol (it-3-MCPD), tal-esteri tat-3-MCPD tal-aċidi grassi u tal-esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi f'ċerti oġġetti tal-ikel

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jistabbilixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 ([2]) jiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel. Il-livelli massimi tat-3-monokloropropandiol (it-3-MCPD) u tal-esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi huma stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Fil-21 ta' Novembru 2017, il-Bord Xjentifiku tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel dwar il-Kontaminanti fil-Katina tal-Ikel adotta opinjoni xjentifika ([3]) dwar aġġornament tal-valutazzjoni tiegħu tar-riskji għas-saħħa tal-bniedem marbutin mal-preżenza tat-3-monokloropropandiol (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "it-3-MCPD") u tal-esteri tiegħu tal-aċidi grassi fl-ikel li kienet ġiet ippubblikata fl-2016 ([4]), fid-dawl tad-diverġenza xjentifika li ġiet identifikata fir-rapport tal-Kumitat Espert Konġunt tal-FAO u tad-WHO dwar l-Addittivi tal-Ikel u l-Kontaminanti b'rabta mal-istabbiliment tad-doża tollerabbli ta' kuljum (it-TDI) ([5]).

(3) Il-Bord dwar il-Kontaminanti fil-Katina tal-Ikel stabbilixxa TDI tal-grupp aġġornata ta' 2 mikrogrammi għal kull kilogramm ta' piż tal-ġisem għal kull jum għat-3-MCPD u għall-esteri tiegħu tal-aċidi grassi. Huwa nnota li din id-doża tollerabbli ta' kuljum ma tinqabiżx fil-popolazzjoni adulta. Madankollu, ġie nnutat li din tinqabeż xi ftit fil-każ tal-konsumaturi l-kbar li jiffurmaw parti mill-gruppi ta' età iżgħar u b'mod partikulari fil-każ tat-trabi li jirċievu l-formuli biss.

(4) It-3-MCPD u l-esteri tiegħu tal-aċidi grassi huma kontaminanti kkawżati mill-ipproċessar li jiġu ffurmati waqt ir-raffinar taż-żjut veġetali. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-livelli massimi li fihom jista' jkun hemm it-3-MCPD u l-esteri tiegħu tal-aċidi grassi fiż-żjut veġetali u fix-xaħmijiet imqiegħda fis-suq għall-konsumatur finali jew għall-użu bħala ingredjent fl-ikel. Billi ż-żjut taż-żebbuġa verġni ma jkunx fihom l-esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi, it-3-MCPD u l-esteri tiegħu tal-aċidi grassi, huwa xieraq li la dawn il-livelli massimi l-ġodda tat-3-MCPD u tal-esteri tiegħu tal-aċidi grassi u lanqas il-livell massimu eżistenti tal-esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi ma jkunu japplikaw għaż-żjut verġni.

(5) Madankollu, minħabba t-tħassib li jista' jkun hemm għas-saħħa tat-trabi u tat-tfal iż-żgħar, huwa xieraq li jiġi stabbilit livell massimu iktar strett għaż-żjut veġetali u għax-xaħmijiet li jkunu maħsubin għall-produzzjoni tal-ikel tat-trabi u tal-ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar.

(6) Sabiex jiġi eskluż kull tħassib li jista' jkun hemm b'rabta mas-saħħa tat-trabi u tat-tfal iż-żgħar, b'mod partikulari meta wieħed iqis l-esponiment li t-trabi li jintemgħu l-formuli tat-trabi biss jista' jkollhom għat-3-MCPD u għall-esteri tiegħu tal-aċidi grassi, huwa xieraq li jiġu stabbiliti livelli massimi stretti speċifiċi għall-formuli tat-trabi, għall-formuli tal-prosegwiment u għall-ikel għal raġunijiet mediċi speċjali maħsub għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar, skont jekk dawn jinbiegħux fil-forma ta' trab jew f'forma likwida.

([1]) ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

([3]) L-opinjoni xjentifika tal-Bord tal-EFSA dwar il-Kontaminanti fil-Katina tal-Ikel ippubblikata fl-2018 imsejħa "Scientific opinion on the update of the risk assessment on 3-monochloropropane diol and its fatty acid esters". *EFSA Journal* 2018;16(1):5083, 48 paġna, https://doi.org/10.2903/j.efsa.2018.5083

([4]) L-opinjoni xjentifika tal-Bord tal-EFSA dwar il-Kontaminanti fil-Katina tal-Ikel ippubblikata fl-2016 imsejħa "Scientific opinion on the risks for human health related to the presence of 3- and 2-monochloropropanediol (MCPD), and their fatty acid esters, and glycidyl fatty acid esters in food". *EFSA Journal* 2016;14(5):4426, 159 paġna, doi:10.2903/j.efsa.2016.4426.

([5]) L-evalwazzjoni tad-WHO imsejħa "Safety evaluation of certain contaminants in food" ippubblikata fl-2018 fis-Serje nru 74 tad-WHO dwar l-addittivi tal-ikel li tittratta l-monografiji tossikoloġiċi 19 bis tat-83 laqgħa. http://apps.who.int/iris/bitstream/handle/10665/276868/9789241660747-eng.pdf?ua=1

(7) Minħabba li ġie nnutat li d-doża tollerabbli ta' kuljum tinqabeż xi ftit fil-każ tal-konsumaturi l-kbar li jiffurmaw parti mill-gruppi ta' età iżgħar u mhux biss fil-każ tat-trabi li jirċievu l-formuli biss, huwa xieraq li jiġi applikat l-istess livell strett għall-formuli maħsubin għat-tfal iż-żgħar peress li dawn il-formuli jingħataw ukoll lit-tfal ta' inqas minn tliet snin. Barra minn hekk, huwa xieraq li jiġi stabbilit il-livell massimu eżistenti tal-esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi għall-formuli tat-trabi u għall-formuli tal-prosegwiment għall-formuli maħsubin għat-tfal iż-żgħar ukoll.

(8) Barra minn hekk, mill-pubblikazzjonijiet xjentifiċi u mid-*data* dwar l-okkorrenza li waslet, dan l-aħħar ħareġ li ż-żejt tal-ħuta u ż-żjut minn organiżmi tal-baħar oħrajn jista' jkun fihom livelli għoljin tal-esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi u tat-3-MCPD u tal-esteri tiegħu tal-aċidi grassi. Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem, huwa xieraq li jiġi stabbilit livell massimu tal-esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi u tat-3-MCPD u tal-esteri tiegħu tal-aċidi grassi fiż-żejt tal-ħuta u fiż-żjut minn organiżmi tal-baħar oħrajn.

(9) Jenħtieġ li l-operaturi tan-negozji tal-ikel jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw il-proċessi tal-produzzjoni tagħhom u, għalhekk, huwa xieraq li l-livelli massimi tat-3-MCPD u tal-esteri tiegħu tal-aċidi grassi u l-livelli massimi l-ġodda tal-esteri gliċidiliċi fil-formuli maħsubin għat-tfal iż-żgħar u fiż-żejt tal-ħuta u fiż-żjut minn organiżmi tal-baħar oħrajn jibdew japplikaw biss mill-1 ta' Jannar 2021 'il quddiem. Barra minn hekk, huwa xieraq li l-prodotti li ma jkunux jikkonformaw mal-livelli massimi tat-3-MCPD u tal-esteri tiegħu tal-aċidi grassi li jkunu tqiegħdu fis-suq qabel dik id-data jitħallew jibqgħu fis-suq sad-data sa meta jżommu l-aħjar jew sad-data tal-iskadenza tagħhom. Madankollu, minħabba li l-esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi huma karċinoġeni ġenotossiċi u b'hekk il-preżenza tagħhom tirrappreżenta riskju ogħla għas-saħħa pubblika, jenħtieġ li l-prodotti li ma jkunux jikkonformaw mal-livelli massimi l-ġodda tal-esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi li jkunu tqiegħdu fis-suq qabel l-1 ta' Jannar 2021 jitħallew jibqgħu fis-suq biss għal perjodu limitat taż-żmien.

(10) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 jiġi emendat kif xieraq.

(11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Iż-żjut tal-ħut u ż-żjut minn organiżmi tal-baħar oħrajn imsemmijin fil-punti 4.2.1. u 4.2.2. tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006 u l-formuli maħsubin għat-tfal iż-żgħar imsemmijin fil-punti 4.2.3 u 4.2.4 ta' dak l-Anness li jkunu tqiegħdu fis-suq b'mod legali qabel l-1 ta' Jannar 2021 jistgħu jibqgħu jiġu kkummerċjalizzati sat-30 ta' Ġunju 2021.

L-oġġetti tal-ikel imniżżlin fil-punt 4.3 tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006 li jkunu tqiegħdu fis-suq b'mod legali qabel l-1 ta' Jannar 2021 jistgħu jibqgħu jiġu kkummerċjalizzati sad-data sa meta jżommu l-aħjar jew sad-data tal-iskadenza tagħhom.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Settembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

It-Taqsima 4 tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006, imsejħa "It-3-monokloropropandiol (3-MCPD) u l-esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi", hija sostitwita b'dan li ġej:

"Taqsima 4: It-3-monokloropropandiol (it-3-MCPD), l-esteri tat-3-MCPD tal-aċidi grassi u l-esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi

	Oġġetti tal-ikel[1]	Livell massimu (μg/kg)
4.1.	**It-3-monokloropropandiol (it-3-MCPD)**	
4.1.1.	Il-proteina veġetali idrolizzata[30]	20
4.1.2.	Iz-zalza tas-sojja[30]	20
4.2.	**L-esteri gliċidiliċi tal-aċidi grassi, espressi bħala gliċidol**	
4.2.1.	Iż-żjut veġetali u x-xaħmijiet, iż-żjut tal-ħut u ż-żjut minn organiżmi tal-baħar oħrajn imqiegħda fis-suq għall-konsumatur finali jew għall-użu bħala ingredjent fl-ikel, bl-eċċezzjoni tal-ikel imsemmi fil-punt 4.2.2 u taż-żjut taż-żebbuġa verġni (*)	1 000 (***)
4.2.2.	Iż-żjut veġetali u x-xaħmijiet, iż-żjut tal-ħut u ż-żjut minn organiżmi tal-baħar oħrajn maħsubin għall-produzzjoni tal-ikel tat-trabi u tal-ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar[3]	500 (***) (******)
4.2.3.	Il-formuli tat-trabi, il-formuli tal-prosegwiment u l-ikel għal raġunijiet mediċi speċjali maħsub għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar[3][29] u l-formuli maħsubin għat-tfal iż-żgħar[29] (**) (fil-forma ta' trab)	50 (***)
4.2.4.	Il-formuli tat-trabi, il-formuli tal-prosegwiment u l-ikel għal raġunijiet mediċi speċjali maħsub għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar[3][29] u l-formuli maħsubin għat-tfal iż-żgħar[29] (**) (f'forma likwida)	6,0 (***)
4.3.	**L-ammont totali tat-3-monokloropropandiol (it-3-MCPD) u tal-esteri tat-3-MCPD tal-aċidi grassi espressi bħala 3-MCPD** (****)	
4.3.1.	Iż-żjut veġetali u x-xaħmijiet, iż-żjut tal-ħut u ż-żjut minn organiżmi tal-baħar oħrajn imqiegħda fis-suq għall-konsumatur finali jew għall-użu bħala ingredjent fl-ikel li jidħol fil-kategoriji li ġejjin, bl-eċċezzjoni tal-ikel imsemmi fil-punt 4.3.2 u taż-żjut taż-żebbuġa verġni (*): — iż-żjut u x-xaħmijiet tal-ġewż tal-Indi, tal-qamħirrum, tal-lift, tal-ġirasol, tal-fażola tas-sojja, tal-lewż tal-palm u taż-żjut taż-żebbuġa (li huma magħmulin miż-żejt taż-żebbuġa raffinat u miż-żejt taż-żebbuġa verġni) (*) u t-taħlitiet taż-żjut u tax-xaħmijiet magħmulin minn żjut u minn xaħmijiet ta' din il-kategorija biss; — żjut veġetali oħrajn (fosthom iż-żjut mir-residwi taż-żebbuġ (*)), iż-żjut tal-ħut u ż-żjut minn organiżmi tal-baħar oħrajn u t-taħlitiet taż-żjut u tax-xaħmijiet magħmulin minn żjut u minn xaħmijiet ta' din il-kategorija biss; — it-taħlitiet taż-żjut u tax-xaħmijiet miż-żewġ kategoriji msemmijin hawn fuq.	1 250 2 500 – (*****)
4.3.2.	Iż-żjut veġetali u x-xaħmijiet, iż-żjut tal-ħut u ż-żjut minn organiżmi tal-baħar oħrajn maħsubin għall-produzzjoni tal-ikel tat-trabi u tal-ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar[3]	750 (******)
4.3.3.	Il-formuli tat-trabi, il-formuli tal-prosegwiment u l-ikel għal raġunijiet mediċi speċjali maħsub għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar[3][29] u l-formuli maħsubin għat-tfal iż-żgħar[29] (**) (fil-forma ta' trab)	125 (*******)
4.3.4.	Il-formuli tat-trabi, il-formuli tal-prosegwiment u l-ikel għal raġunijiet mediċi speċjali maħsub għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar[3][29] u l-formuli maħsubin għat-tfal iż-żgħar[29] (**) (f'forma likwida)	15 (*******)

(*) Kif iddefiniti fil-Parti VIII tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

(**) "Il-formuli maħsubin għat-tfal iż-żgħar" jirreferu għal xarbiet abbażi tal-ħalib u prodotti li jixbhuhom abbażi tal-proteina maħsubin għat-tfal iż-żgħar. Dawn il-prodotti ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 609/2013 (ara r-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-formuli tat-tfal żgħar (COM/2016/0169 final) li jinsab hawn: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52016DC0169&qid=1559628885154&from=MT).

(***) Il-livelli massimi għandhom jibdew japplikaw mill-1 ta' Jannar 2021 'il quddiem fil-każ taż-żejt tal-ħuta u taż-żjut minn organiżmi tal-baħar oħrajn u fil-każ tal-formuli maħsubin għat-tfal iż-żgħar.

(****) Il-livelli massimi għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2021 'il quddiem.

(*****) Iż-żjut u x-xaħmijiet li jintużaw bħala ingredjenti fit-taħlita għandhom jikkonformaw mal-livell massimu stabbilit għaż-żejt u għax-xaħam. Għalhekk, il-livell tal-ammont totali tat-3-monokloropropandiol (it-3-MCPD) u tal-esteri tat-3-MCPD tal-aċidi grassi espressi bħala 3-MCPD fit-taħlita, ma għandux jaqbeż il-livell ikkalkulat skont l-Artikolu 2(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006. F'każ li l-kompożizzjoni kwantitattiva ma tkunx magħrufa għall-awtorità kompetenti u għall-operatur tan-negozju tal-ikel li ma jkunux qed jipproduċu t-taħlita, il-livell tal-ammont totali tat-3-MCPD u tal-esteri tat-3-MCPD tal-aċidi grassi espressi bħala 3-MCPD fit-taħlita fi kwalunkwe każ ma għandux jaqbeż l-2 500 mikrogramma għal kull kilogramm.

(******) Meta l-prodott ikun taħlita ta' żjut jew ta' xaħmijiet differenti tal-istess oriġini jew ta' oriġini botanika differenti, il-livell massimu japplika għat-taħlita. Iż-żjut u x-xaħmijiet li jintużaw bħala ingredjenti fit-taħlita għandhom jikkonformaw mal-livell massimu stabbilit għaż-żejt u għax-xaħam fil-punt 4.3.1.

(*******) Dan il-livell massimu għandu jiġi eżaminat mill-ġdid fi żmien sentejn mid-data tal-applikazzjoni bil-għan li jitnaqqas."